# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 23**

**Rikors numru 520/11 SM**

**Jan Sammut**

**v.**

**Vincent Farruġia, Kernel Limited (C – 43609), u għal kull interess li jista' jkollhom Chris Busuttil, Marc Paul Galea u Richard Galea**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat Vincent Farruġia minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ġunju, 2015, (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel, it-tielet u r-raba' talbiet attriċi bħala mhux mistħoqqa, laqgħet it-

tieni u l-ħames talbiet attriċi billi sabet lil Vincent Farruġia responsabbli waħdu biex irodd lura lill-attur l-ammont ta' erbat elef u sitt mitt euro (€ 4,600) flimkien mal-imgħax legali mit-30 ta' Mejju, 2011, u filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat Vincent Farruġia, laqgħet dawk tal-konvenuti l-oħra u ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju;

2. Is-sentenza appellata, fil-partijiet rilevanti tagħha, tgħid hekk:

*"**Ikkonsidrat:***

*"10.0. Illi preliminarjament tindirizza s-segwenti:*

*"10.1. In-nullita` tar-rikors guramentat promotur sollevat mill-intimati Farrugia u s-socjeta` Kernel Limited;*

*"10.2. It-talba tas-socjeta` intimata biex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;*

*"10.3. Il-procedura fil-konfront ta' l-intimati Chris Busuttil, Marc Paul Galea u Richard Galea;*

*"Ikkunsidrat:*

*"11.0. **In-nullita` tar-Rikors Guramentat Promotur**:*

*"11.1. Illi l-bazi ta' din it-talba preliminari ta' l-intimati Farrugia u Kernel Limited hi l-allegat nuqqas ta' dikjarazzjoni da parti tar-rikorrenti li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba, (ara foll 37);*

*"11.2 Illi r-rizoluzzjoni ta' l-istess ilment jinsab fit-**Titlu II** tal-Kap 16 [**recte: 12**] tal-Ligijiet ta' Malta intitolat **Fuq il-Procediment b' Rikors Guramentat** li sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:*

*"11.2.1. Illi l-procediment introdott permezz ta' rikors guramentat "... jitqies li huwa kawza", (ara artiklu 154(1) ta' l-imsemmi Kap;*

*"11.2.2. Illi tali rikors jitqies b'dan il-mod li jilhaq din il-kwalita` ta' kawza meta tintervjeni l-qorti li "...tohrog jew taghti ordni lill-parti biex tidher quddiemha fil-jum u fil-hin stabbilit sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tigi milqugha t-talba migjuba fir-rikors guramentat", (ara artiklu 154(1)) tal-istess Kap;*

*“11.3. Illi l-istess Kap 16 jistabbilixxi l-komposizzjoni ta’ l-istess rikors guramentat (ara artiklu 156 tal-Kap 16 [**recte: 12**] de quo, li bih tigi introdotta l-procedura gudizzjarja hekk inizzjata u li fih innifsu jikkonsisti, fost affarijiet ohra:*

*“11.3.1. F’dikjarazzjoni li tispjega b’mod car l-oggett tal-kawza;*

*“11.3.2. Tali dikjarazzjoni tigi esposta f’paragrafi enumerati separatament;*

*“11.3.3. Ir-rikorrenti ghandu jiddikjara liema fatti minnhu esposti jaf personalment;*

*“Ikkunsidrat:*

*“12. Illi f’dan ir-rigward ghandu jkun pacifiku li l-emenda procedurali li tirrisolvi l-vertenza in dizamina kienet giet esplicitament introdotta bl-iskop preciz li tisnella l-procedura skritta precedentement involuta fl-atti tac-citazzjoni li bih qabel kienet tigi introdotta tali procedura u li fiha kien tassattivament rikjest li jkollha maghha dikjarazzjoni guramentata li hafna drabi, kienet biss ripetizzjoni inutili ta’ l-istess;*

*“13. Illi biex tigi snellata l-procedura skritta fir-rigward kien gie deciz li l-procedura permezz tac-citazzjoni u tad-dikjarazzjoni maghha annessa tigi sostitwita b’dokument wiehed – ir-rikors guramentat – li fih nnifsu llum hu statutorjament meqjus li jikkonsisti f’dikjarazzjoni tal-fatti biex b’hekk jilhaq il-finijiet fuq deskritti, (ara paragrafu hdax punt tlieta, (11.3.), aktar qabel), fost affarijiet ohra;*

*“14. Illi ghalhekk, ir-risposta ta’ l-intimati Farrugia u Kernel Limited tirrizulta li hi ghal kollox irrizorja u qeghda ghalhekk tigi respinta stante li l-istess rikors guramentat promotur hu llum minnhu nnifsu meqjus bhala dikjarazzjoni fuq il-fatti kif maghrufa mir-rikorrenti li jigguramenthom;*

*“15. Illi di piu`, ghandu wkoll jirrizulta pacifiku li r-rikors guramentat promotur li effettivament ta bidu ghall-procedura odjerna jissodisfa il-precett statutorjament stabbilit u fuq riferit li jfisser b’mod car u sewwa l-oggett tal-kawza u li di piu`, jaghmel dan ukoll f’paragrafi enumerati separatament kif hemm ukoll stabbilit, (ara fol 1);*

*“16. Illi konsegwentement, tirrespingi din ir-risposta preliminari ta’ l-intimati Farrugia u Kernel Limited;*

*“Ikkunsidrat:*

*“17.0.* ***It-talba tas-socjeta` intimata biex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju:***

*"17.1. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:*

*" 17.1.1. Illi l-ammont ta' flus originarjament moghti mir-rikorrenti lill-intimati kien bl-iskop li jixtri ishma fl-istess socjeta` intimata;*

*"17.1.2. Illi nonostante dan l-iskop jirrizulta li effettivament l-ammont involut kien gie moghti mir-rikorrenti lid-diretturi tas-socjeta` intimata f'dokument intestat b'isem l-istess socjeta` u li fih id-diretturi firmatarji kienu qed jagixxu biss f'isem l-istess socjeta`, (ara foll 12 et sequitur);*

*"17.1.3. Illi pero` l-istess zvilupp azzjonarju ma jirrizultax li gie rifless fil-Memorandum and Articles of Association ta' l-istess socjeta` (ara foll 69 et sequitur);*

*"17.1.4. Illi sussegwentement, l-intimati Chris Busuttil, Richard Galea u Marc Paul Galea irritornaw il-porzjon assenjat lilhom lir-rikorrenti;*

*"17.1.5. Illi kien biss l-intimat Farrugia li "... ma riedx jirritorna l-flus" involuti, (ara foll 48);*

*"Ikkunsidrat:*

*"18.0. Illi f'dan ir-rigward ghandu jkun pacifiku li ghalkemm l-iskop tal-pagament effettwat mir-rikorrenti kien wiehed li kien indirizzat favur is-socjeta` intimata, jirrizulta abbundantement assodat li:*

*" 18.1. Il-flus investiti mir-rikorrenti qatt m'ghaddew ghand is-socjeta` intimata u ghalhekk qatt ma kienu taht il-kontroll operattiv taghha;*

*" 18.2. Illi di piu`, l-istess somma hekk investita mir-rikorrenti qatt ma giet rikonoxxuta formalment fid-dokumentazzjoni ufficjali ta' l-istess socjeta` intimata u wisq inqas kienet rikonoxxuta mill-Awtorita` Tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta stante li l-akkordju temporanjament milhuq mill-kontendenti fuq l-influss finanzjarju tar-rikorrenti qatt ma wasal biex ikun rifless fil-Memorandum and Articles of Association ta' l-imsemmija socjeta`;*

*"18.3. Illi di piu`, jirrizulta pacifiku li l-ghada tal-iffirmar tal-ftehim in dizamina, (ara foll 12), l-intimati Busuttil, M.P. Galea u R. Galea ilkoll irritornaw lir-rikorrenti l-ammont minnhom rikavat mit-transazzjoni in dizamina;*

*"18.4. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, takkolji din ir-risposta u ghalhekk tillibera lis-socjeta` intimata Kernel Limited mill-osservanza tal-gudizzju;*

*"Ikkunsidrat:*

*"19.0.* ***Il-Procedura odjerna kif indirizzata fil-konfront ta' l-intimati Chris Busuttil, Marc Paul Galea u Richard Galea****:*

*"19.1. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"19.1.1. Illi l-istess abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti ddikjara li stante li r-rikorrenti kien rifuz l-ammont meritu tal-kawza minn kull wiehed mill-imsemmija intimati, allura ma kellu l-ebda pretensjoni fil-konfront taghhom, (ara foll 211);*

*"19.1.2. Illi di piu`, l-istess hu oggettivament ikkonfermat mix-xhieda ta' l-istess rikorrenti, (ara foll 48, 51 u 150);*

*"Ikkunsidrat:*

*"20. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-intimati hawn indirizzati huma estranei ghall-vertenza in dizamina stante li meta rrealizzaw li kien hemm xi dizgwid fl-operat in dizamina mill-ewwel intervenew u rritornaw is-sehem taghhom mill-ammont lilhom moghti mir-rikorrenti;*

*" 21. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, takkolji din ir-risposta ta' l-intimati Chris Busuttil, Marc Paul Galea u Richard Galea, u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju;*

*"Ikkunsidrat:*

*"22.0. Illi epurat is-suespost jibqa` pendenti is-segwenti:*

*" 22.1. Il-mertu veru u propju tal-vertenza, issa limitata ghar-relazzjoni bejn ir-rikorrenti Ian Sammut u l-intimat Vincent Farrugia; u*

*" 22.2. Id-danni rikjamati mir-rikorrenti;*

*"Ikkunsidrat:*

*"23.0.* ***Il-Mertu tal-Vertenza****:*

*" 23.1. Illi jirrizulta pacifiku kif fuq gia` stabbilit li r-rikorrenti ghadda s-somma ta' tmintax-il elf, erba` mija u wiehed Ewro (€18,401.00), lill-kontendenti intimati persuni fizici fuq indikati bil-ghan li jsir direttur fis-socjeta` intimata;*

*" 23.2. Illi l-iskop ghal tali investiment qatt ma avvera ruhhu u l-intimati fuq gia` indikati mill-ewwel irritornaw is-sehem minnhom percepit lir-rikorrenti bl-eccezzjoni ta' l-intimat Vincent Farrugia li baqa` jopponi ghal dan ad oltranza;*

*" 23.3. Illi l-investiment hekk maghmul mir-rikorrenti qatt m'ghadda favur is-socjeta` intimata;*

*“ 23.4. Illi kien biss l-intimat Vincent Farrugia li nonostante li l-investiment fis-socjeta` intimata falla, hu zamm u ghadda ghalih is-sehem minnu percepit mis-somma investita mir-rikorrenti;*

*“ 23.5. Illi stante tali falliment, l-istess intimat Farrugia kien obbligat, bhall-intimati l-ohra, li jirrifondi l-ammont lilu moghti mir-rikorrent;*

*“Ikkunsidrat:*

*“24. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li fil-mertu, ir-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi;*

*“Ikkunsidrat:*

*“ 25.0. **Id-danni rikjamati mir-rikorrenti**:*

*“ 25.1. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti naqas milli jindirizza dan il-kap stante li ezami ta’ l-evidenza prodotta ma jitfhu l-ebda dawl fir-rigward;*

*“ 25.2. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqas li jipprova l-allegazzjoni tieghu fir-rigward.*”;

3. B’Rikors tal-Appell imressaq fit-13 ta’ Lulju, 2015, l-appellant talab li din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn ċaħdet it-tielet, ir-raba’ u l-ħames talbiet attriċi, u in kwantu ħelset lill-konvenuti l-oħra mill-ħarsien tal-ġudizzju, tħassarha u tirrevokaha safejn ikkundannatu jħallas lill-attur appellat is-somma ta’ €4,600 u minflok, filwaqt li tilqa’ l-appell tiegħu, tiċħad għal kollox it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-attur appellat. Min-naħa l-oħra, kemm-il darba din il-Qorti kellu jidhrilha li s-sentenza appellata għandha tiġi konfermata fil-mertu, tvarjaha għal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż billi tilqa’ l-ispejjeż relattivi għat-tielet, ir-raba’ u l-ħames talbiet, kif ukoll l-

ispejjeż tal-konvenuti l-oħra kollha, kif ukoll l-ispejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-attur appellat;

4. B'Risposta mressqa fit-28 ta' Lulju, 2015, l-intimati appellati Busuttil u Galea qalu li, ladarba ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju, dik is-sentenza għaddiet in ġudikat fil-konfront tagħhom; filwaqt li, għall-bqija tal-appell, jirrimettu rwieħhom għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, b'dan li huma m'għandhomx ibatu l-ispejjeż ta' din l-istanza;

5. B'risposta mressqa fit-18 ta' Awwissu, 2015, l-attur appellat Jan Sammut qal li l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi konfermata, bl-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu mill-appellant;

6. Il-kumpanija appellata Kernel ma ressqet l-ebda tweġiba għall-appell;

7. Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-13 ta' Ottubru, 2020, li biha qalu li kienu joqogħdu fuq dak li joħroġ mill-atti miktuba u li l-appell seta' jitħalla għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat :***

10. Illi din hija azzjoni għar-radd lura ta' somma flus imħallsa bil-quddiem minħabba investiment azzjonarju f'kumpanija privata. L-attur appellat ħareġ somma flus biex ikun jista' jikseb ishma f'kumpanija, għadda l-flus lill-azzjonisti, imma baqa' ma ngħatax l-ishma fl-istess kumpanija minħabba li nqala' disgwid. L-attur appellat jgħid li ladarba l-għan li għalih għadda l-flus ma seħħx, l-azzjonisti ma kellhomx jedd jibqgħu jżommu l-flus li għaddielhom u għandhom irodduhomlu lura bl-imgħax. Filwaqt li wħud mill-azzjonisti raddewlu lura sehemhom (qabel ma nfetħet il-kawża), l-appellant baqa' jżomm iebes u ma riedx jitlaq minn taħt idejh il-flus li tah l-appellat għaliex għadu jisħaq li l-ftehim li sar (bis-saħħa ta' riżoluzzjoni meħuda f'laqgħa ġenerali straordinarja tal-imsemmija kumpanija) baqa' fis-seħħ u ma setax jitħassar jekk mhux bil-qbil bejn kulħadd;

11. Illi l-ewwel Qorti, filwaqt li sabet lill-appellant responsabbli waħdu biex irodd lura l-ammont mitlub u ordnat li l-ammont jintradd lura bl-imgħax legali mit-30 ta' Mejju, 2011, u filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-appellant u tal-kumpanija appellata Kernel Limited, laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-intimati l-oħra appellati u ħelsithom mill-ħarsien tal-

ġudizzju (magħduda l-istess kumpanija Kernel Limited), bi spejjeż għall-appellant;

12. Illi qabel kull ħaġa oħra għandu jingħad li dan l-appell jolqot biss is-sejbiet ta' l-ewwel Qorti dwar il-mertu tal-kwstjoni li għandha quddiemha. Billi ma ddaħħal ebda appell mill-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba attriċi għal sejba ta' ħtija solidali fil-konvenuti kollha, u minn dik il-parti fejn ħelset lill-intimati appellati mill-ħarsien tal-ġudizzju, u kif ukoll minn dik il-parti tal-azzjoni attriċi li kienet titlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, dawk il-partijiet tas-sentenza appellata llum saru ġudikat;

13. Illi l-appellant qajjem **żewġ aggravji** mis-sentenza appellata. L-ewwel wieħed hu li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-prinċipji legali li jsawru l-każ u qatgħet il-kawża fuq konsiderazzjonijiet li huma ġuridikament insostenibbli. It-tieni aggravju hu li l-ewwel Qorti żbaljat meta għabbietu bil-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji kollha, minkejja li ma ntlaqgħux it-talbiet attriċi kollha u minkejja li l-intimati li nħelsu kienu ddaħħlu fil-kawża b'għażla tal-attur appellat u mhux b'għażla tiegħu;

14. Illi dwar **l-ewwel aggravju**, l-appellant jgħid li ebda talba għal rifużjoni ma tista' tintlaqa' għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, il-ftehim tal-assenjazzjoni tal-ishma ma ġiex imħassar u ma ntalabx it-tħassir tiegħu;

it-tieni, ir-riżoluzzjoni straordinarja għadha tgħodd għaliex it-tħassir tagħha ma sarx skont kif titlob il-liġi;

15. Illi l-attur appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid li qatt ma kien hemm żieda tal-kapital azzjonarju tal-kumpanija (minn issa 'l hemm imsejħa "Kernel"), għaliex il-ftehim imsemmi fir-riżoluzzjoni ma ġiex finalizżat tant li l-kisba tal-ishma tiegħu f'Kernel baqgħet ma ġietx reġistrata skont ma titlob il-liġi. Għaldaqstant l-ewwel Qorti kienet fis-sewwa meta qieset l-ammont bħala dovut u għandu jintraddlu lura;

16. Illi fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju għandu jinftihem kif ġej: ladarba r-riżoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti ġiet approvata mill-azzjonisti kollha ta' Kernel, hija tibqa' fis-seħħ sakemm ma titħassarx formalment, f'liema każ trid tiġi segwita l-proċedura maħsuba fil-liġi. Ladarba dan ma sarx, it-talba għar-radd lura tal-ammont mitlub m'għandhiex tintlaqa';

17. Illi ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li bejn l-azzjonisti ta' Kernel kien intlaħaq qbil biex il-kapital awtorizżat tal-imsemmija kumpanija jikber minn erbat elef u ħames mitt ewro (€4,500[1]) għal ħamsin elf ewro (€50,000). Kernel hija kumpanija privata. Dan il-ftehim ħa s-sura ta' riżoluzzjoni straordinarja tal-25 ta' Marzu, 2009[2] (minn issa 'l

[1] Memorandum and Articles of Association, klawsola 5, f'paġ. 130 tal-proċess
[2] Dok. "VF1"f'paġġ. 12 sa 13 tal-proċess

hemm imsejħa "ir-riżoluzzjoni") meħuda waqt laqgħa ġenerali straordinarja ta' Kernel, u fiha jingħad li l-klawsola 5 tal-Memorandum ta' Kernel kellha tinbidel kif ġie maqbul. Lanqas ma hemm kontestazzjoni li l-attur appellat kellu jsir azzjonist ta' Kernel flimkien mal-azzjonisti li fasslu r-riżoluzzjoni (liema riżoluzzjoni ġġib il-firma tal-azzjonisti kollha u kif ukoll tal-istess appellat, minkejja li ma kienx membru ta' Kernel, imma li tixhed li huwa kien fiżikament preżenti hu u jintlaħaq il-ftehim);

18. Illi hemm qbil li, sabiex l-appellat seta' jikseb is-sehem tiegħu ta' ishma f'Kernel, fil-15 ta' April, 2009, għadda lill-istess Kernel (permezz ta' żewġ diretturi tagħha) l-ammont ta' tmintax-il elf, erba' mija u ewro (€18,401)[3];

19. Illi, min-naħa l-oħra, mill-atti ma tirriżultax prova (dokumentali jew mod ieħor) li biha l-appellat ingħata s-sehem tiegħu tal-ishma mwiegħda jew li nħatar direttur ta' Kernel minkejja dak espressament imsemmi fir-riżoluzzjoni. Jidher li wara l-25 ta' Marzu, 2009, kien hemm nuqqas ta' qbil bejn l-azzjonisti preżenti ta' Kernel, tant li mhux talli r-riżoluzzjoni baqgħet qatt ma ġiet reġistrata mal-Awtorità, iżda fl-24 ta' Mejju, 2011, iddaħħlet fir-Reġistru tal-Kumpaniji (minn issa 'l hemm imsejjaħ ir-"Reġistru") notifika li biha l-appellati Christopher Busuttil, Richard Galea, u Marc Paul Galea kienu rriżenjaw minn diretturi ta' Kernel b'seħħ mill-5

[3] Dok. "A" f'paġ. 14 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Vincent Farruġia f'paġ. 61 tal-proċess

ta' Mejju, 2011[4], u li l-intimat appellat Busuttil irriżenja wkoll mill-kariga ta' segretarju tal-istess kumpanija[5]. B'seħħ minn dakinhar, l-ishma li l-appellati kellhom f'Kernel għaddew favur V.F. Group Limited[6];

20. Illi l-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant irid jitqies fil-qafas tan-natura tal-azzjoni mressqa mill-appellat u minn dak li seħħ bejn l-azzjonisti jew l-uffiċjali ta' Kernel wara t-teħid tar-riżoluzzjoni. L-appellant jisħaq li ladarba r-riżoluzzjoni ma tħassritx formalment, baqgħet fis-seħħ. Huwa jgħid li hekk kif kienu l-azzjonisti kollha li qablu dwarha, hekk ukoll ma setax xi ħadd minnhom jaqbad u "jħassarha" bla qbil bejn kulħadd. Madankollu, l-appellant ma jsemmi xejn li, bħala direttur ta' Kernel, kien jaqa' fuqu l-obbligu li jara li, fi żmien erbatax-il jum wara t-teħid tar-riżoluzzjoni, ir-Reġistru jingħata kopja tar-riżoluzzjoni u tat-tibdil meħtieġ fil-memorandum u fl-istatut ta' Kernel[7], u li, fin-nuqqas ta' dan, ma jistax jitqies li twettqu t-tibdiliet riżoluti[8] dwar iż-żieda fil-kapital awtorizzat tal-istess kumpanija u l-ħwejjeġ l-oħra maqbula fir-riżoluzzjoni;

21. Illi ladarba r-riżoluzzjoni ma ġietx reġistrata, il-Qorti ssibha diffiċli li tqisha bħala valida jew li baqgħet torbot, aktar u aktar meta l-liġi torbot ir-reġistrazzjoni tagħha ma' terminu fiss. Fil-fatt, il-Qorti tasal biex tqis ukoll

---

[4] Paġġ. 104 sa 106 tal-proċess
[5] Paġ. 103 tal-proċess
[6] Paġ. 100 tal-proċess
[7] Art. 79(2) tal-Kap. 386
[8] Art. 79(3) tal-Kap. 386. Ara wkoll A. Muscat, *Principles of Maltese Company Law* (2[i] Edizz, 2019) Vol II, paġ. 875

li ladarba r-riżoluzzjoni ma ġietx reġistrata sad-9 ta' April, 2009, lanqas kien hemm obbligu fuq l-attur appellat li, fil-15 ta' April, 2009, jgħaddi flejjes lill-appellant u lill-appellati l-oħra marbuta mal-kisba tas-sehem tiegħu f'Kernel. Fi kliem ieħor, fil-qafas taċ-ċirkostanzi fattwali u legali li tnisslu b'tali nuqqas, jidher li l-attur appellat għadda flus lill-azzjonisti indebitament;

22. Illi l-appellant iressaq l-argument wkoll li biex jitnaqqas kapital azzjonarju, kien meħtieġ li tiġi segwita proċedura mfissra taħt l-Artikolu 83 tal-liġi dwar il-Kumpaniji. Fil-fehma tal-Qorti, fil-każ li għandha quddiemha, dan l-artikolu jsib l-applikazzjoni tiegħu biss f'każ li tkun saret żieda regolari tal-kapital azzjonarju fil-kumpanija. Ladarba, għar-raġunijiet imsemmija qabel, ma saret ebda reġistrazzjoni f'waqtha taħt l-Artikolu 79(3)[9], il-kapital azzjonarju f'Kernel qatt ma żdied, u għaldaqstant dan l-artikolu ma jgħoddx għall-każ;

23. Illi meħuda qies ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li minkejja li r-riżoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti ġiet approvata mill-azzjonisti kollha ta' Kernel, hija ma ħalqet l-ebda effetti legali favur jew kontra terzi (magħdud fosthom l-istess appellat), u ma kellha l-ebda bażi legali la ma ġietx reġistrata kif titlob il-liġi. Għaldaqstant, safejn jirrigwarda lill-attur appellat, ma kien hemm ebda ħtieġa li, fost it-talbiet

[9] *Ibid* Vol I, paġ. 228

imressqa minnu fil-kawża li fetaħ, jitlob it-tħassir tagħha. L-ammont minnu mitlub lura jirrifletti l-fatt li huwa għadda flus bla ma ngħata l-ebda korrispettiv għal dak il-ħlas;

24. Illi fis-sewwa, l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-prinċipju li ħadd ma għandu jistagħna bi ħsara ta' ħaddieħor, u għandha mill-*actio de in rem verso* maħsuba fil-liġi tagħna[10]. B'mod partikolari, l-azzjoni mressqa mill-attur appellat tinbena fuq il-jedd li wieħed jitlob ir-radd lura ta' ħaġa li jkun ta għaliex imħajjar jew imwebbel minn wegħda li ma sseħħx;

25. Illi huwa aċċettat u stabbilit li tali azzjoni hija mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq la azzjoni *ex contractu*[11] jew lanqas dik akwiljana mnissla mill-fatt illeċitu jew saħansitra dik maħsuba għar-radd lura tal-ħlas indebitu[12]. Din l-azzjoni hija msejħa sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu[13] jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir[14];

26. Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa[15]. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta'

---

[10] Art. 1028A tal-Kap 16
[11] P.A. **14.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima v. Fava et*** (Kollez. Vol: **L.ii.487**)
[12] App. Inf. **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Desira v. Gasan Enterprises Ltd***
[13] P.A. **4.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Seychell v. Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.593**)
[14] P.A. **10.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit v. Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.787**)
[15] *Dig. "De Jure Dotium"*, fr.6 *"Quia bono et aequo conveniat aut lucrari aliquem cum damno alterius, aut damnum sentire per alterius lucrum"*

azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*)[16]. Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ[17]. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu` u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni[18], u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata[19];

27. Illi ingħad ukoll[20] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilità[21] minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha bla ma sar il-ħlas għalih jew b'mod li ma saritx xi ħaġa li kellha ssir u li kienet ir-raġuni għaliex kien ingħata dak il-ġid[22]; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz[23];

---

[16] Kumm. **15.9.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mattocks et v. McKeon*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.1018**)
[17] Pescatore – Ruperto Codice Civile Annotato (7ª Ediz. 1978) §2041, paġ. 2008
[18] Art. 1012 tal-Kap 16
[19] Art. 1019 tal-Kap 16
[20] Ara, per eżempju, Torrente Manuale di Diritto Privato (9ª Edit., 1975) § 387, paġ. 634
[21] App. Kumm. **5.4.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja v. Żammit Tabona*** (Kollez. Vol: **XLI.i.631**)
[22] Amos & Walton's Introduction to French Law (3rd Edit.), paġ. 197
[23] P.A. **30.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet P***arnis v. Vella noe*** (Kollez Vol: **XXXIX.ii.764**)

28. Illi meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti tal-każ, għandu jsib li dawn l-elementi jgħoddu kollha għal dan il-każ sa grad biżżejjed biex jista' jingħad li l-bażi tal-azzjoni attriċi tinsab fondata tassew. L-appellant naqas għal kollox biex jagħti lill-ewwel Qorti u wkoll lil din raġuni tajba għaliex għandu jibqa' jżomm il-flus li għaddielu l-appellat. Għajr mill-argument li r-riżoluzzjoni baqgħet qatt ma tħassret formalment, ma jsemmi l-ebda raġuni oħra tajba. Issa wkoll kieku wieħed kellu b'xi mod iqis li r-riżoluzzjoni għadha tiswa, l-appellant xorta waħda jrid jgħid kif u b'liema mod jistħoqqlu jibqa' jżomm il-flus li ħareġ l-attur appellat, bla ma jitwettaq dak li nqabel fir-riżoluzzjoni: jiġifieri li l-appellat jingħata l-ishma li investa biex ikollu f'Kernel u li jinħatar bħala direttur tal-istess kumpanija;

29. Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel Qorti qatgħet sewwa li l-ammont mitlub mill-attur appellat huwa dovut u li dan għandu jintraddlu lura mill-appellant. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju mhuwiex tajjeb u mhux sejjer jintlaqa';

30. Illi għar-rigward tat-**tieni aggravju**, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti ddeċidiet b'mod illoġiku u mhux ġust meta sabet li huwa kellu jerfa' l-ħlas tal-ispejjeż kollha tal-kawża minkejja li dik il-Qorti ċaħdet tlieta minn sitt

talbiet attriċi u minkejja l-ħelsien mill-ħarsien tal-ġudizzju ta' wħud mill-intimati mħarrka għalxejn mill-istess attur appellat;

31. Illi l-appellat iwarrab dan l-aggravju, u jgħid li l-ewwel Qorti fehmet sewwa li n-nuqqas kien dovut kollu għall-aġir tal-appellant, filwaqt li l-appellati l-oħra tħarrku bħala parti fil-kawża għal integrità tal-ġudizzju;

32. Illi l-appellati Busuttil u Galea, min-naħa l-oħra, jgħidu li m'għandhomx ibatu ebda spejjeż għaliex tħarrku bla bżonn;

33. Illi fil-fehma tal-Qorti, dan l-aggravju huwa mistħoqq. Tqis li l-għan ewlieni li wassal lill-appellat iħarrek lill-appellati l-oħra kien sabiex seta' jdur fuqhom biex jiġbor l-ammont dovut lilu. Fil-fatt fl-ewwel talba, l-appellat jitlob dikjarazzjoni li l-"intimati solidarjament huma debituri .. fl-ammont ta' €4600..". Mill-kliem li ntuża fit-tmien (8) premessa tar-Rikors Maħluf li bih l-appellat fetaħ il-kawża, jidher ċar li l-intimati Busuttil u Mark u Richard Galea kienu diġà raddew lura lill-appellat l-ammonti ratejali mill-ħlas li huwa kien għamel u li kienu spiċċaw f'idejhom. Sa ma nfetħet il-kawża, kien l-appellant Farruġia waħdu li baqa' jżomm f'idejh is-sehem mis-somma mħallsa;

34. Illi, jekk għall-ewwel, l-appellat qies li l-intimati kollha kellhom iwieġbu għat-talbiet tiegħu biex jintradd lura lilu l-ammont imħallas, jidher

li dan ma baqax isostnih hu u l-kawża kienet miexja quddiem l-ewwel Qorti. Dan joħroġ mill-verbal li sar waqt l-aħħar smigħ qabel l-għoti tas-sentenza appellata[24]. Il-konsegwenza legali waħdanija li tinstilet minn din iċ-ċirkostanza hija li l-attur appellat ċeda l-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront ta' dawk l-intimati li s-sentenza appellata ħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju. L-għażla li l-appellat iħarrek lil min ħarrek kienet tiegħu u tiegħu waħdu, u n-nuqqas tal-appellant li jrodd lura l-ammont dovut minnu ma jibdel xejn minn dan il-fatt;

35. Illi meta parti f'kawża tirrinunzja għall-atti, għal kollox jew f'xi biċċa minnhom jew kontra biss uħud mill-partijiet l-oħrajn, trid tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li ġġib magħha dik ir-rinunzja[25] u safejn tali rinunzja tkun tolqot. Għalhekk, fuq is-saħħa waħedha ta' dik l-għażla tal-appellat, ma kienx sewwa li l-appellant jitgħabba wkoll bl-ispejjeż ta' dawk li l-ewwel Qorti ħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju sewwasew minħabba tali rinunzja. Terġa' u tgħid, irriżulta mill-atti li kull wieħed mill-intimati li nħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju kienu diġà raddew lill-appellat sehemhom mis-somma li huwa kien ħareġ sa minn qabel l-appellat fetaħ din il-kawża;

36. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel Qorti ma kinitx fis-sewwa meta kkundannat lill-appellant iħallas waħdu l-ispejjeż kollha tal-kawża, u li l-ispejjeż imġarrba mill-appellati Chris

[24] Ara l-verbal tat-12.3.2015, f'paġ. 216 tal-proċess
[25] Art. 907(2) tal-Kap 12

Busuttil, Marc Paul u Richard Galea għandu jagħmel tajjeb għalihom l-appellat. Minbarra dan, minn qari tas-sentenza appellata joħroġ ċar ukoll li wħud (fil-fatt tlieta minn ħames talbiet) mit-talbiet attriċi ma ntlaqgħux. L-ewwel Qorti ma fissret bl-ebda mod għaliex l-appellant kellu jerfa' wkoll il-ħlas tal-ispejjeż dwar dawk it-talbiet miċħuda. Il-liġi hija ċara fuq ħaġa bħal din[26], u l-ewwel Qorti ma tat l-ebda ħjiel għaliex kellha titbiegħed minn dik id-dispożizzjoni u titfa' l-kap tal-ispejjeż kollu fuq spallejn l-appellant;

37. Illi għalhekk, it-tieni aggravju tal-appellant sejjer jintlaqa' għaliex tajjeb;

***Deċide:***

38. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tilqa' limitatament l-appell** tal-appellant Vincent Farruġia biss fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż, u **timmodifika** dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ġunju, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi ssib li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu bin-nofs ($^1/_2$) bejn il-partijiet, filwaqt li l-attur appellat iħallas l-ispejjeż ta' dawk

---

[26] Art. 223(3) tal-Kap 12

mill-intimati li nħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, u **tikkonfermaha** għall-bqija; u

**Tordna li l-ispejjeż** ta' din l-istanza jinqasmu wkoll bl-istess mod.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm